MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 25/2012

**A B**

**Vs**

**C B, id-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2012 l-Avukat Dr. Cedric Mifsud u l-Prokuratur legali Jean Pierre Busuttil gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri S li twieldet fit-18 ta' Settembru 2011.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi fit-tmintax ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (18/09/2011), twieldet il-minuri S u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok. A;
2. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi l-missier tat-tarbija huwa l-intimat C B, fil-fatt il-

minuri giet koncepita f'kors ta' relazzjoni extra-matrimonjali li l-esponenti kellha wara s-separazzjoni *de facto* bejn l-esponenti u l-istess intimat C B.

3. Illi fil-fatt l-esponenti u l-intimat C B ilhom separati *de facto* minn Settembru 2008 u ghandhom proceduri ghas-separazzjoni personali pendenti quddiem din l-Onor. Qorti.

Talbet li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

a. tiddikjara li l-intimat C B m'huwiex il-missier naturali tal-minuri S li twieldet fit-18 ta' Settembru, 2011;

b. tordna l-korrezzjoni tac-Certifikat tat-Twelid tal-minuri S billi fil-kolonni fejn hemm indikat il-konnatati relattivi ghall-missier il-minuri tikkancella d-dettalji tal-intimat C B u tissostitwiehom bil-kliem *"missier mhux maghruf".*

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi preliminarjament jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita` tal-minuri S B, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-**Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi madankollu minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jehtiegilha illi tipprova l-impossibilita` fizika tal-kongungiment bejnha u bejn zewgha C B u dan tul il-perijodu li jispecifika l-**Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-**Artikolu 81(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri S B ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha bin-numru ta' Iskrizzjoni 3823 tas-sena 2011;
4. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, f'kaz li jigu superati l-eccezzjonijiet fuq imsemmija, l-esponenti xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri S B, li r-rikorrenti tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-allegat missier naturali halli b'hekk dan ikun jista` jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kodici Civili.** Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ha titlef l-istat ta' bint imwielda u mnissla fiz-zwieg tal-inqas ghandha tkun taf min huwa l-missier naturali taghha;
5. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet *'the said'* li jinsabu qabel isem C B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 3823 tas-sena 2011;
6. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u ghaldaqstant huwa m'ghandux jigu assoggettat ghal-ispejjez tal-kawza istanti;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi Dr. Cedric Mifsud u l-PL Jean Pierre Busuttil a nom u in rapprezentanza tal-minuri S B li *in forza* taghha huma eccepew:

Illi l-attrici tablet li ssir korrezzjoni fic-Certifikat tat-twelid tal-minuri S B billi fil-kolonni fejn hemm indikat il-konnatati

relattivi ghal missier tikkancella d-dettalji tal-intimat C B u tissostitwiehom bil-kliem "missier mhux maghruf"; Illi l-Qorti talbet li l-attrici tressaq il-provi sabiex tipprova illi C B mhuwiex il-missier naturali tal-minuri S B;

Illi ghalhekk l-minuri qeghda tirrimetti ruha ghal provi mressqin quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Semghet ix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti, rat il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici sabiex ic-certifikat tat-twelid tal-minuri S B jigi emendat fis-sens li missier l-istess minuri ma jibqax jidher bhala C B izda jigi mnizzel li l-minuri hija bint missier mhux maghruf.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-Qorti tirrileva li l-minuri S twieldet nhar it-18 ta' Settembru 2011[1] fiz-zmien meta l-istess attrici kienet diga' separata *de facto* minn mal-intimat C B. *Stante* li l-attrici u l-intimat kien ghadhom mhux legalment separati peress li l-proceduri ta' separazzjoni bejniethom kienu ghadhom pendenti, minhabba l-presunzjoni legali li torbot it-tarbija mar-ragel tal-omm meta ma jkunx ghadhom ghaddew 300 gurnata mil-gurnata tas-separzzjoni taghhom, fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri S, l-intimat gie mnizzel bhala l-missier naturali.

Permezz tat-testijiet genetici li gew esebiti in atti jirrizulta car li dak li tikkontendi l-attrici permezz tar-rikors guramentat taghha huwa verament minnu ghaliex permezz tieghu, l-intimat C B gie eskluz mill-possibilita' li jista' jkun il-missier naturali tal-minuri tant li gie dikjarat li

[1] Ara a fol 3 tal-process

Raphael Degiorgio huwa verament il-missier naturali tal-minuri S.

**<u>Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u cioe' dik li naturalment id-direttur mhux edott mill-fatti tal-kaz izda talab lil din il-Qorti sabiex tistieden lill-partijiet jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici *ai termini* tal-Artikolu 77D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tirrileva li ghal dak li jirrigwarda t-testijiet genetici, din giet sorvolata tant li gie dikjarat li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tal-intimat C B izda l-wild ta' Raphael Degiorgio.

Illi dwar it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet li huma relatati mal-mertu tal-kaz u cioe' jekk l-attrici rnexxilhiex teghleb il-presunzjonijiet legali relatati mal-ulied imwielda fiz-zwieg, il-Qorti tirrileva li dawn gew meghluba permezz tat-test ta' DNA li jaghti prova tal-fatt li l-minuri S m'hijiex il-wild naturali tal-intimat zewgha C B.

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni u cioe' li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-attrici tispecifika min hu verament missier it-tarbija sabiex ikun jista' jigi kjamat in kawza  *ai termini* tal-Artikolu 149 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tirrileva li mit-testijiet genetici li saru jidher li l-missier naturali gie identifikat bhala certu Raphael Degiorgio izda l-imsemmi Raphael Degiorgio baqa' qatt ma gie kjamat in kawza bhala intimat;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimat C B mhux il-missier naturali tal-minuri S B li twieldet fit-18 ta' Settembru 2011;
(2) Tilqa' t-tieni talba;

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------